**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 30 ta' Mejju, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 321/2019 AF**

**APS Bank Limited (C-2192)**

**vs**

**Alfred Zarifa u Olena Zarifa**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' APS Bank Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-intimati Alfred Zarifa u Olena Zarifa huma debituri tas-socjetà rikorrenti fis-somma ta' mija u sittin elf disa' mija u seba' Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€160,907.48) rapprezentanti bilanc komplessiv ta' facilitajiet ta' self moghtija lill-istess intimati mill-Bank rikorrent in kwantu ghas-somma ta' mija u sitta u hamsin elf, seba' mija u ghaxar Ewro u disa' u tletin centezmu (€156,710.39) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv mal-'*Loan Account*' bin-numru 20001448314

[*Statement of Account* hawn anness u mmarkat bhala Dok. APS1] u s-somma ta' erbat elef mija u sebgha u disghin Ewro u disa' centemzi (€4,197.09) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv mal-'*Interest Disposal Account'* bin-numru 36052810034 [*Statement of Account* hawn anness u mmarkat bhala Dok. APS2] u dan oltre l-imghax fir-rigward tal-'*Loan Account*' bin-numru 20001448314 mit-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) sad-data tal-pagament effettiv.

L-imsemmi ammont komplessiv huwa dejn cert, likwidu u dovut mill-intimati lis-socjetà rikorrenti u fil-fehma tas-socjetà rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma tal-istess socjetà rikorrenti, l-intimati m'ghandhom l-ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont komplessiv.

Ghalkemm l-intimati gew interpellati sabiex ihallsu l-ammont komplessiv hawn fuq imsemmi permezz tal-ittra ufficcjali hawn annessa u mmarkata bhala Dok. APS3, huma baqghu inadempjenti.

Is-socjetà rikorrenti intavolat Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fil-konfront tal-istess intimati kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat.

Ir-rapprezentant tas-socjetà rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-intimati, b'mod solidali bejniethom, huma debituri tas-socjetà rikorrenti fis-somma komplessiva ta' mija u sittin elf disa' mija u seba' Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€160,907.48) in kwantu ghas-somma ta' mija u sitta u hamsin elf, seba' mija u ghaxar Ewro u disa' u tletin centezmu (€156,710.39) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv mal-'*Loan Account*' bin-numru

20001448314 u s-somma ta' ta' erbat elef mija u sebgha u disghin Ewro u disa' centemzi (€4,197.09) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv mal-'*Interest Disposal Account'* bin-numru 36052810034 u dam oltre l-imghax fir-rigward tal-'Loan Account' bin-numru 20001448314 mit-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) sad-data tal-pagament effettiv.

2. Tikkundanna u tordna lill-intimati, b'mod solidali bejniethom, ihallsu lis-socjetà rikorrenti s-somma komplessiva ta' mija u sittin elf disa' mija u seba' Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€160,907.48).

Bl-ispejjez kontra l-intimati in solidum bejniethom, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali bin-numru 4274/2018 u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat, li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat li, minkejja li gie debitament notifikat, Alfred Zarifa baqa' ma deherx fil-Qorti.

Rat li dehret biss Olena Zarifa, li talbet li tikkontesta l-kawza. Rat li l-Qorti qieset li l-istess Olena Zarifa m'ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq.

Rat li l-kawza giet posposta ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh.

Rat li t-talbiet tal-Bank attur huma gusitifkati.

Ghaldaqstant , fic-cirkostanzi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba kif dedotta, tilqa' t-tieni talba kif dedotta, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Alfred Zarifa u Olena Zarifa.

IMHALLEF

DEP/REG